MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2012

Numru. 889/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
**vs**
**Sebastian Muller**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sebastian Muller, ta’ 25 sena, iben Norbert u Veronika nee’ Wieske, imwieled il-Germanja fl-1 ta’ Dicembru, 1986 u temporanjament residenti Spinola Bay Appt, Flat 7A, Triq George Borg Olivier, San Giljan, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ Germaniza bin-numru 534858089 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-2 ta’ Settembru, 2012 ghal habta ta’ l-10:30 p.m. gewwa Ta’ Qali, Limiti tar-Rabat, ikkommetta serq ta’ handbag kontenenti diversi oggetti, liema serq li sar ghad-dannu ta’ Emiliya Valcheca u Clinton konjugi Gatt, huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-€2,329,37.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Settembru, 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lill-vittmi, kif ukoll il-fatt li l-imputat skuza ruhu mal-parti civili fis-seduta tat-3 ta' Settembru, 2012 liema parti civili accettaw l-iskuza tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, u 270 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------